MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Numru 144/2000

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
EMMANUEL PACE
PAUL MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Micallef, ta’ 27 sena, iben Anthony u Yvonne nee’ Mangion, imwieled Pieta’ fi 30 ta’ Jannar 1973, residenti 20, Alley 1, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 78073(M). Emmanuel Pace ta’ 33 sena, iben Anthony u Giorgia nee’ Zerafa, imwieled l-Ingilterra fil-31 ta’ Marzu 1966, residenti Blk C, Flt. 2, New Street off Canon Road, St.Venera u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 99585(M).

Illi huma akkuzati talli:

I. Talli nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar 2000, ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30p.m.), f'Ghajn Tuffieha kkommettew serq ta' baskett kontenenti *mobile phone* tal-marka 'Siemens,' zewg nuccalijiet, u kif ukoll diversi dokumenti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li jaccedi l-mitt lira (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira (Lm1000), ghad-detriment ta' Anja Hamann ta' nazzjonalita' Germaniza;

II. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi (f'Malta) xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' l-oggetti indikati fl-ewwel akkuza, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

III. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin, u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmija Anja Hamann, kontra l-volonta' taghha, u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex l-imsemmija Anja Hamann tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

IV. Nakkuzawhom aktar talli fl-istess jum, f'Ghajn Tuffieha u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zammew u garrew arma li taqta' u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

V. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, fil-hin li huma kienu qeghdin jaghmlu delitt kontra l-persuna, kellhom fil-pussess taghhom armi regulari u cioe' strumenti li jaqtghu u bil-ponta;

Illi Emmanuel Pace akkuzat wahdu:

I. Talli rredna ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta (Qorti ta' l-Appell Kriminali, Qorti Kriminali 'Guri' u Qorti tal-Magistrati) datati 17.01.1992, 20.10.1998, u 22.10.1996

rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

II. U aktar talli fil-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti Kriminali (Guri) datata 20.10.1998 u mill-Qorti tal-Magistrati (Awla 7) datata 22.10.1996, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat fiz-zewg okkazjonijiet ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

Illi Paul Micallef akkuzat wahdu:

I. Talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) (Awli 5, 3 u 13) datati 11.05.1994, 07.02.1997 u 07.10.1997 rispettivament, liema sentenza saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew mhassra;

II. U aktar talli fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Awla 3) datata 07.02.1997, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal peina ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm il-peina ta' prigunerija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward ta' l-imputat, Paul Micallef, li miet fil-mori tal-kawza (ara Dok.JCX ezebit fit-2 ta' Lulju 2008) u ghaldaqstant il-procediment huwa estint fir-rigward tieghu;

Rat il-verbal tat-24 ta' Jannar 2007 fejn l-imputat Emmanuel Pace ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta' osservazzjoni tal-Kumissarju tal-Pulizija ta' l-14 ta' Settembru 2009;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' Anja Hamann (membru tal-Korp. tal-Pulizija tal-Germanja) jirrizulta illi waqt illi hi u l-habibha taghha Sandra Wicknan wara li kienu *horse riding* Ghajn Tiffieha kienu accedew ghal *bus stop* biex jirritornaw fil-hotel taghhom, meta raw karozza Golf hadra, bin-numru ta' registrazzjoni DAB 778, tirriversja lejjhom u ghalqitilhom il-passagg. F'din il-karozza kien hemm zewgt irgiel u l-passiggier f'din il-karozza kellu sikkina f'idejh. Dawn iz-zewg irgiel hargu mill-karozza, il-passiggier resaq lejn Anja Hamann, qabadha minn xagharha, tefaghha ma' l-art u ta ordni bl-Ingliz biex tatih il-flus illi kellha fuqha, qabdilha l-*handbag* minn fuq spallejha u gibidulha. Nelfrattemp, is-sewwieq tal-karozza hebb ghal Sandra Wicknan biex johdilha dak li setgha. Illi wara din l-esperjenza qarsa, z-zewg nisa ghamlu rapport l-ghassa tal-Pulizija , infethet inkjesta u saret *Identification Parade*. Waqt l-*Identification Parade* u fil-prezenza ta' l-Ispettur Cilia u s-Supt. Mula, Hamann gharfet iz-zewg imputati u gharfet ukoll lill-imputati fl-awla (ara xhieda a fol.23 sa fol.25).

Fil-kontro ezami, Anja Hamann ikkonfermat li ma kelliex flus kontanti fil-*handbag* izda kellha passaport, *identity card* ta' Pulizija, licenza tas-sewqan u l-biljetti ta' l-ajru, *mobile phone*, nuccali tal-vista u nuccali tax-xemx u cwievet.

Sandra Wicknan (a fol.27 et seq.) ikkonfermat ix-xhieda ta’ Anja Hamann. Ikkonfermat li karozza Golf, kulur ahdar, bin-numru ta’ registrazzjoni DAB 778, kienet irriversjat u imblokkatilhom l-access waqt li kienu qeghdin hdejn il-*bus stop*, Ghajn Tuffieha, u li kienu harrgu zewgt irgiel illi kienu armati b’sikkina. Sandra Wicknan gharfet lill-imputati u cioe l-imputat Paul Micallef illi kien is-sewwieq tal-karozza u Emmanuel Pace li kien il-passigier fil-karozza. Sandra Wicknan xehedet illi fuq il-karozza tal-marka Golf kien hemm *sticker* bil-kelma ‘Sixty’, u li gharfet din il-karozza fid-Depot tal-Pulizija, ftit wara dan l-incident. Wicknan ikkonfermat illi kien sar *identification parade* u li kienet gharrfet liz-zewg imputati waqt tali *parade* u quddiem din il-Qorti. Muriha ritratti Dok.BM1, ikkonfermat l-oggetti li nsterqu minghandhom.

A fol.31 et seq. Hamann gharfet l-oggetti li nsterqulha, f’dan il-*hold-up.*

Supt. Mula (a fol.34 et seq.), ikkonferma l-*hold-up* bl-uzu ta’ armi li twettaq fuq iz-zewg tfajliet Germanizi fuq indikati u r-rapport taghhom mal-Pulizija li kien jikludi l-lista ta’ l-oggetti misruqa minghand iz-zewg tfajliet. Supt. Mula kkonferma illi wahda minn dawn it-tfajliet kienet membru fil-Korp. tal-Pulizija tal-Germanja. Huwa xehed illi t-tfajliet kienu ghamlu *identity kit* ta’ l-agressuri taghhom u permezz ta’ dan u tad-dettalji moghtija mill-karozza, irrizulta lil Pulizija illi l-Golf hadra, bin-numru ta’ registrazzjoni DAB 778, kienet qeghdha tintuza mill-imputat Paul Micallef li gie arrestat.

L-imputat Paul Micallef mall-ewwel ammetta l-involviment tieghu u ammetta illi kien hemm persuna ohra li hadet sehem f’dan ir-reat. Il-Pulizija kellhom suspetti illi l-ko-awtur ta’ dan il-*hold-up* kien l-imputat Emmanuel Pace u dan gie arrestat fil-kors ta’ l-inkjesta, saret l-*identification parade* taz-zewg imputati u Sandra Wicknan u Anja Hamann gharfu lill-imputati bhala l-agressuri taghhom.

Spettur Cilia (a fol.39) ikkonferma r-rapport taz-zewg tfajliet Germanizi u t-tfittxija ghal vettura Golf indikata mit-tfajliet Germanizi. Fit-23 ta' Frar, din il-vettura nstabet f'St. Thomas Bay fejn is-Surgent 836 Taliana sab lill-imputat Paul Micallef hdejn il-karozza fuq indikata. Paul Micallef gie arrestat, saru l-*Identification Parade* u ammetta l-involviment tieghu. Ammetta wkoll illi l-*mobile phone* li nsteraq f'dan il-*hold-up* kien qieghed ghand terza persuna u li kien lest li jgibu lura.

Emmanuel Pace, pero', fl-istqarrija tieghu Dok.JA1, (a fol.44) ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li saritlu.

PS 964 Scicluna, ezebixxa r-relazzjoni tieghu u hmistax (15)-il ritratt (a fol.58 et seq.)

Esperta Dr.Veronica Aquilina ezebit ir-relazzjoni taghha Dok.VA (a fol.70 et seq.) inkluz id-dokumentazzjoni kollha inkluz l-*Identification Parade* u halfet l- istess.

PC 659 Jeffrey Hughes ezebixxa Dok.JH, konsistenti f'sitt (6) *lifters* u sitt (6) ritratti rispettivi.

Spettur Jeffrey Azzopardi kkonferma r-rapport taz-zewg tfajliet Germanizi u x-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur. Ikkonferma t-tfittxija li ghamlet il-Pulizija ghal vettura, l-prezenza tieghu fl-*Identification Parade* u l-konferma ta' l-identita' ta' l-imputati minn Anja Hamann u Sandra Wicknan li sar waqt *Identification Parade* fil-prezenza ta' l-Espert Dr. Veronica Aquilina. Gew ezebiti sentenzi Dok.JA1, Dok.JA2, Dok.JA3 u Dok.JA4.

PS 836 Alexander Taliana kkonferma x-xhieda tieghu quddiem Dr. Veronica Aquilina u l-prezenza tieghu fiz-

zewg *Identification Parades* u l-ezitu taghhom. Gie ezebit il-process verbal li jinstab a fol.151 tal-process.

A fol.199, PS 964 Robert Scicluna, kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinstab a fol.58 tal-process waqt illi a fol.201 Dr. Veronica Aquilina kkonfermat ir-relazzjoni taghha li tinstab a fol.70 tal-process.

Supt. Bartholomeo Mula (a fol.209) ikkonferma l-identita' ta' l-imputat Paul Micallef fis-sentenza ezebita a fol.129.

Supt. Neil Harrison (a fol.213) ikkonferma l-identita' ta' l-imputat Paul Micallef fis-sentenza ezebita a fol.131.

Supt. Antoine Casha (a fol.217) ikkonferma l-identita' ta' l-imputat Emmanuel Pace ghal rigward tas-sentenza Dok.JA4, ezebita a fol.139.

A fol.220, l-Ispettur Cilia kkonferma li l-imputat Emmanuel Pace ma kellux licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm arma li taqta jew bil-ponta.

Dr. Joseph Spiteri kkonferma li Paul Micallef kien ilu jigi kkurat fl-isptar Monte Carmeli ghall-aktar minn erba' (4) snin.

A fol.232, PS 602 Jonathan Attard ezebixxa Doks. PS1 sa 51 konsistenti f'ritratti.

Jeffrey Cilia ezebixxa, fl-1 ta' Marzu 2007, fedina penali aggornata ta' l-imputat Emmanuel Pace.

Marietta Lanzon ikkonfermat li Emmanuel Pace kien qed jircievi kura minn Dr. George Grech, minhabba l-abbuz ta' drogi illi l-imputat Pace kellu fil-passat.

Spettur Jeffrey Cilia ezebixxa certfiikat tal-mewt ta' Paul Micallef fit-2 ta' Lulju 2008, Dok.JCX

Fil-11 ta' Mejju 2009, l-imputat Emmanuel Pace, assistit mill-Avukat Difensur tieghu, ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellux xhieda ohra x'jipproduci.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi prodotti, jirrizulta bla ebda dubbju dettat bir-raguni illi l-imputat Emmanuel Pace, kien ha sehem f'*hold-up* fuq zewg Germanizi, fid-data, lok u hin citat fl-akkuza. Dan qieghed jinghad il-ghaliex ix-xhud Anja Hamann u Sandra Wicknan, gharfu l-agressuri taghhom f'*Identification Parade* mizuma skond il-Ligi u kkonservaw il-partikolaritajiet kollha tal-karozza li kienet intuzat f'din il-*hold-up*. It-tfajliet ikkonfermaw illi l-karozza kienet Golf ta' kulur ahdar, bin-numru ta' registrazzjoni DAB 778 u ftit wara l-Pulizija sabu tali vettura li kienet qed tintuza mill-imputat, il-mejjet, Paul Micallef. Dan gie arrestat minnufih u ammetta l-involviment tieghu pienament mal-Pulizija, waqt illi kkonferma prezenza ta' persuna ohra f'dan ir-reat. Illi mid-deskrizzjoni moghtija miz-zewg tfajliet Germanizi u informazzjoni ulterjuri tal-Pulizija, gie arrestat l-imputat Emmanuel Pace.

Minkejja illi dan ghazel kif kellu kull dritt illi jaghmel, illi ma jirrispondi ghall-ebda domanda, fl-istqarrija tieghu Dok.JA1, iz-zewg tfajliet gharfu lill-imputat Emmanuel Pace bhala l-persuna illi agredixxa lil Anja Hamann billi qabadha minn xagharha u tefaghha fl-art u l-persuna illi kellha s-sikkina f'idejha u dana mhux biss fl-*Identification*

*Parade*, izda wkoll quddiem din il-Qorti. L-identifikazzjoni saret bla ebda tlaqlieq jew ezitazzjoni u kienet wahda inekwivoka.

In oltre', gew rekoverati, minghand l-imputat Paul Micallef, l-oggetti li gew misruqa f'dan il-*hold-up*.

Ikkonsidrat:

Illi l-manjiera soda li biha nghatat l-identifikazzjoni ta' l-imputati, miz-zewg tfajliet Germanizi ma taghti lok ghall-ebda dubju dettat mir-raguni. Illi di piu', wiehed ma jridx jinsa illi Anja Hamann kienet membru tal-Korp. tal-Pulizija fil-Germanja (infatti nsterqitilha l-*Identity Card* tal-Pulizija waqt dan il-*hold-up*), u stharrig f'Korp. tal-Pulizija johloq certu piz ghal dak li jirrigwarda poteri ta' osservazzjoni.

In oltre', irid jinghad illi l-Pulizija waslu ghall-imputati minhabba illi sar *Identification Kit* tal-fattizzi ta' l-imputati miz-zewg nisa Germanizi u dana certament qabel ma gie misjub l-imputat Paul Micallef.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet diversi sentenzi fil-konfront taz-zewg imputati izda din il-Qorti trid tiffoka biss fuq is-sentenza (Dok.JA4 ezebita a fol.139 l-unika wahda ezebita fil-konfront ta' Emmanuel Pace – din iggib id-data ta l-22 ta' Ottubru 1996 u li l-imputat inghata sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.) Saret ix-xhieda ta' l-identita' dwar din is-sentenza mis-Supt. Antoine Casha.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tista' ssib htija biss, ghar-rigward tar-recediva ghal din is-sentenza sospiza fuq indikata u ghal ebda sentenza ohra. Irid jinghad ukoll illi t-tieni akkuza fil-konfront ta' l-imputat Emmanuel Pace hija alternattiva ghall-ewwel akkuza. Ghandu jinghad ukoll illi l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna hija kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza ta' *hold-up* bl-uzu ta' arma.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha, tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat Pace ma kellux licenza mill-

Kummissarju tal-Pulizija sabiex juza l-arma u cioe sikkina kif jirrizulta mill-Ispettur Jeffrey Cilia.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat Emmanuel Pace, hati ta' l-ewwel (1) akkuza b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tielet (3) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza stante illi hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, hati tar-raba' (4) akkuza b'assorbiment tal-hames (5) akkuza, hati tas-sitt (6) akkuza u hati tas-seba (7) akkuza bis-sentenza tal-22 ta' Ottubru 1996 u wara li rat Artikoli 261, 262, 276, 277, 267, 279, 280, 49, 50, 28A sa 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3, 9, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat Emmanuel Pace taht ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin u dana fir-rigward ta' l-akkuzi li taghhom instab hati ghajr l-akkuza numru sebgha (7).

Ghal rigward ta' l-akkuza (7), il-Qorti qeghedha testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ndikata (cioe tat-22 ta' Ottubru 1996 – Dok.JA4) ghal erba' (4) snin li ghandhom jibdghu jghoddu mill-gurnata tal-lum.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece ta' dan il-kaz, li ttawwal ghal zmien konsiderevoli minhabba mard serju u fit-tul **taz-zewg imputati**; u in vista' tal-fatt illi fil- konfront tal-imputat Emmanuel Pace, mis-sena 2003, ma nfethux proceduri kriminali ulterjuri. Irid jinghad wkoll illi l- Qorti hadet in konsiderazzjoni fl- ghoti tal- piena l- istat ta' sahha kritika ta l- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------